TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

137

Avviż Numru CCT 20/13-F

**Robert Mifsud**
**vs**
**Fantasy Tours għan-nom ta' Golden Travel Club Ltd.**

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' tliet mija, u tlieta w erbgħin ewro (€343), rappreżentanti diversi nuqqasijiet fuq il-vjaġġ li għamel lejn Corfu wara li bbukja mas-soċjeta' ntimata.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ibbukja vaganza mas-soċjeta' ntimata għal Corfu illi kellha diversi nuqqasijiet, fosthom li kellu jbiddel il-hotel pero' ma kellux l-ikla ta' filgħaxija u ma ngħatax kamra bis-*sea view* u għalhekk qed jitlob dan l-ammont.

Is-soċjeta' ntimata *da parte* tagħha ssottomettiet illi s-*sea view* ma kinitx garantita u ma kienx ħallas *supplement* għalih u żgur li ma kienx qed iħallas dsatax-il ewro (€19) kull persuna għall-ikla ta' filgħaxija.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi għall-ikla ta' filgħaxija li suppost kienet imħallsa, jiddeċiedi li ħmistax-il ewro (€15) kull wieħed kuljum għal żewġ persuni għal sebat iljieli huwa ammont soddisfaċenti, jiġifieri mitejn u għaxar ewro (€210), u qed jilqa' il-punt tas-soċjeta' ntimata fejn qalet illi s-*sea view* ma kienx ħallas ammont supplimentari għalih, u għalhekk ma kellux dritt għas-*sea view*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u għaxar ewro (€210), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**